MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 321/1985/1

**Anthony Cristina f'ismu proprju u bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu Mary**

**vs**

**Eleonora Mizzi u b'digriet tas-7 ta' Mejju 1986, Dr. Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali George Scicluna, gew nominati kuraturi biex jirraprezentaw l-eredita' gjacenti ta' Eleonora Mizzi, stante l-mewt ta' l-istess fil-mori tal-kawza u b'nota tat-18 ta' Marzu 1987, Dr Guiseppe Mifsud Bonnici assuma l-atti tal-kawza flok il-kuraturi u dana bhala eredi bil-beneficcju tal-inventajru tal-istess Eleonora Mizzi.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TAL-ATTURI**

1. B'citazzjoni tieghu, l-attur appellat ippremeta illi huwa u martu ghamlu sitt xhur jipprestaw diversi servigi u assistentzi lill-konvenuta, nkluz xiri minn buthom ta' hafna affarijiet ghal uzu u konsum da parti tal-istess konvenuti. Illi l-konvenuta, ghalkemm interpellata biex thallas kumpens adegwat ghal dawn is-servigi, rrifjutat. Talab li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, prevja okkorendo d-dikjarazzjoni li huwa proprio et nomine ippresta lill-konvenuta servigi li ghalihom ma giex imhallas, tillikwida, okkorendo permezz ta' periti nominandi, dik is-somma li jidhrilha gusta bhala kumpens ghas-servigi u assistenzi fuq imsemmija, u illi tikkundanna l-konvenuta thallsu proprio et nomine l-ammont hekk likwidat; bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja datata 17 ta' Ottubru 1984, kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

**IN-NOTA TA' L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. L-appellant eccepixa illi sa fejn jaf huwa – meta kien l-Avukat ta' Eleonora Mizzi – ghal kwalunkwe assistenza u ghajnuna li pprestaw l-atturi l-istess Eleonora Mizzi – huma gew kompensati u kienu sodisfatti.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Novembru 1996, dik il-Qorti iddecediet billi wara li ddikjarat illi l-attur appellat proprio et nomine ippresta servigi lil imsemmija Eleonora Mizzi li taghhom ma giex imhallas, illikwidat il-kumpens dovut ghal dawk is-servigi fis-somma ta' tlett mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm391) u kkundannat lill-konvenut appellant ihallas lill-attur appellat proprio et nomine is-somma ta' tlett mija u wiehed u disghin liri Maltin (Lm391) hekk likwidata in linea ta' kumpens, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

4. “Illi l-esponent hass ruhu aggravat permezz ta’ din is-sentenza u ghalhekk qed jinterponi dan l-umili appell tieghu ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, liema aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe`:

A. L-ewwel aggravju li l-appellant jesponi lil din l-Onorabbli Qorti illi s-sentenza appellata ikkonsidrat illi l-eccezzjoni tal-esponenti illi

“galadarba m’hemmx dubju li l-partijiet lahqu ftehmu, allura huwa fuq dak il-ftehim li l-atturi kellhom jagixxu ‘actiones jure’ u mhux jirrikorru ghall-‘ufficio judicis’ billi meta jezisti ftehim, min jippresta servigi m’ghandux dritt ghall-azzjoni li nholqot proprju biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta’ ftehim, bil-presunzjoni ta’ kunsens tacitu bejn il-partijiet”

hija eccezzjoni ta’:

“irritwalita` u kwindi n-nullita` tal-azzjoni esperita mill-attur fit-termini tal-artikolu 789 ( c ) tal-Kodici tal-Procedura Civili, billi skond il-konvenut, fl-att promotorju tac-citazzjoni hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega”.

Bir-rispett kollu dovut, dan l-apprezzament tan-natura tal-eccezzjoni tal-konvenut huwa zbaljat. L-eccezzjoni mhix wahda li tolqot il-forma – ir-rit tac-citazzjoni – izda hija wahda li tolqot is-sustanza tal-azzjoni li adopera l-attur billi huwa ppretenda li ghandu dritt ghal servigi li fuqhom ma ftehimx u ghalhekk qed jitlob il-Qorti biex l-Imhallef jaghmel tajjeb ghal dak in-nuqqas waqt illi l-azzjoni li kellu dritt ghaliha kienet dik li tohrog mill-ftehim li huwa ghamel mal-konvenuta, illum mejta. Jigifieri giet proposta azzjoni li ghaliha m’ghandux dritt l-attur, li se mai u safejn kellu dritt li jipproponi azzjoni ohra. L-eccezzjoni ghalhekk hija fuq sustanza tal-azzjoni u mhux xi formalita’ nieqsa fic-citazzjoni.

Issa fil-parti tar-ragunament tas-sentenza li jwassal ghall-parti operattiva, l-Ewwel Onorabbli Qorti accettat kompletament it-tezi tal-esponenti illi kien hemm ftehim espress u mhux tacitu bejn il-partijiet, tant illi kkoncediet lill-attur dak kollu li kien miftiehem u ma llikwidatx deskrizzjonalment kif kienet taghmel kieku ma kienx hemm ftehim espress.

Minn dan jesegwi illi (a) l-eccezzjoni fil-meritu tal-konvenut ma jistax jinghata li kienet serotina ghaliex eccezzjoni bhal dik tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza u mhux biss 'in limine litis' u fi kwalunkwe kaz il-konvenut jissottometti anki jekk forsi mhux b'mod tant formali, il-konvenut malli xehed, is-sustanza tax-xhieda tieghu kienet proprju dik – illi sa fejn jaf huwa kien hemm ftehim – salv dejjem illi l-attur jipprova illi dak il-ftehim kien inbidel jew thassar ad insaputa tal-konvenut – kif setgha, fic-cirkostanzi tal-kaz, gara. Imma ma garax. Dak li xehed fuq l-ezistenza tal-ftehim l-esponenti jirraportah ukoll il-Perit Gudizzjarju – para. 29 tar-Rapport. U allura l-eccezzjoni fil-meritu saret sostanzjalment malli xehed, anki jekk huwa jissottometti li dan kien komprizi u sottintiz fl-ewwel eccezzjoni anki jekk ukoll il 'forma' palezi inghatat fin-Nota tal-Osservazzjonijiet.

Barra minn din huwa verament rimarkevoli ili fir-Rapport tieghu, il-Perit Gudizzjarju, jikkonsidera u jiskarta l-ipotesi jekk is-servigi sarux b'sens ta' liberalita`, ghalkemm din ma gietx sollevata mill-esponenti; jikkonsidra u jiskarta l-ipotesi li dawn is-servigi setghux saru 'familiaritatis vel pietatis causa' ghalkemm din ukoll ma gietx sollevata mill-appellant; - izda l-eccezzjoni li kontrarjament ghal dak li qal l-attur, kien jezisti ftehim; dik l-eccezzjoni lanqas biss ma semmiet fir-Rapport. Is-sentenza appellata mbaghad, l-ewwel tghid li hija eccezzjoni inamissibbli ghaliex hija eccezzjoni ta' nullita`, mbaghad tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fit-termini tal-ftehim kif ippretenda l-appellant li kien jezisti – izda billi tirritjeni li matul ix-xhur kollha li damu s-servigi l-attur u martu qatt ma hadu xejn.

Ghaldaqstant din l-ewwel raguni 'kontra' l-eccezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli.

B. F’dan ir-rigward verament, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha taghti l-piz li jixraq ghal dak li talab l-attur fic-citazzjoni:-

“Tillikwida occorrendo permezz ta’ Periti Nominandi, dik is-somma li jidhrilha giusta bhala kumpens ghas-servigi u assistenzi fuq imsemmija”.

u ghal din it-talba kellu jirrispondi l-appellant u mhux il-persuna li pprecedietu u li kienet taf il-fatti imma rceviet ic-citazzjoni fuq is-sodda ftit qabel ma mietet.

Imkien ma hemm imsemmi fic-citazzjoni li kien hemm ftehim u li bis-sahha ta’ dak il-ftehim huwa ghandu dritt jiehu dak li ma kienx ha. Imma skond il-ftehim. U mhux jitfa’ x-xibka biex jara x’jaqbad. U meta s-sentenza appellata accettat li kien hemm ftehim u skond dak il-ftehim ordnat il-hlas kellha wkoll tinduna illi (a) l-attur ma ssemmiex ftehim u (b) ma talabx il-kundanna tal-konvenut [ghal] hlas skond il-ftehim. Qabad triq ohra u l-esponenti jissottometti bir-rispett illi mhux skond is-sewwa li azzjoni gudizzjarja bhal din tirnexxi u mgieba nieqsa minn certa buone fede tigi premjata.

Altru minn eccezzjoni formali ta’ nullita` tac-citazzjoni.

C. Is-sentenza appellata mbghad ghaddiet biex ir-rigett tal-ecezzjoni tibbazah ukoll fuq bazi gurisprudenzjali billi nvokat sentenza tal-Imhallef Dottor Giuseppe Cremona tas-16 ta’ Ottubru 1924 fl-ismijiet “Maria Rosa Vella vs Marianna Galea” – Vol. XXV.**II.594.**

Huwa veru illi f’din is-sentenza fejn kien hemm ukoll ftehim espress ghas-servigi, l-Qorti fuq bazi ta’ ekwita` kkoncediet ammont ghola minn dak miftiehem, ghaliex “la mercende pattuita era nelle circostanze presenti assai tenue”.

Il-Qorti ghalhekk bidlet il-ftehim bl-ezercizzju eccezzjonali tal-ekwita`. Pero’, bir-rispett kollu, fil-kaz prezenti ma hawnx kwistjoni bhal dik. Mhux il-kaz li jehtieg il-Qorti li

tbiddel ftehim billi tezercita l-ekwita`. Anzi hawnhekk ghall-kuntrarju, l-Qorti applikat it-termini tal-ftehim u bidlet ghalhekk "il-likwidazzjni" arbitrarja li deherlu jaghmel il-Perit Gudizzjarju.

B'dana kollu pero`, u wkoll din is-sentenza hija l-eccezzjoni ghar-regoli guridici kif sottomess mill-appellant proprju ghaliex l-ezercizzju tal-ekwita` min-naha tal-Qorti tindika li mhix qed tigi applikata r-regola normali minhabba n-natura specjali tal-kaz. Imma din hija konferma indiretta tar-regola. Hija l-unika sentenza f'dan is-sens, u bir-ragun u hemm numru mhux hazin ta' sentenzi li jirribadixxu l-principji gurisprudenzjali taz-zewg azzjonijiet u l-esponenti huwa pront jelenkhom fit-trattazzjoni tal-appell kemm il-darba din l-Qorti tindikalu li dan jista' jaghmlu.

Ghaldaqstant, bir-rispett kollu dovut, din is-sentenza ma tinnegax l-effikacja tal-eccezzjoni tal-esponenti appellanti b'ebda mod ghaliex l-eccezzjoni hija fis-sens li kien hemm ftehim espress li gie implimentat u ma kienx hemm biss ftehim tacitu li trid tintegrah il-Qorti. U di piu`, zgur ma kienx hemm bzonn li tigi ezercitata l-ekwita` biex tirradrizza l-bilanc bejn il-partijiet ghaliex kif hemm fir-'ratio decidendi', s-sentenza awtorizzat r-rata li fuqha ftehmu l-partijiet.

Ghalhekk l-esponenti jidhirlu li dak li verament gara huwa li l-validita` tal-eccezzjoni tal-esponenti ma tistax ma tigix accettata izda il-konsegwenzi guridici ta' dik il-validita` huma lill-konvenut negati.

D. It-tieni aggravju difatti huwa proprju dan; illi ghalkemm is-sentenza formalment tirrispingi l-eccezzjoni tal-esponenti, fir-realta` taccetha fil-parti fattwali taghha, tant illi tikkoncedi lill-attur li kien espressament miftiehem – proprju kif issottometta l-esponenti bl-eccezzjoni tieghu – kuntrarjament ghal dak li talab l-attur, li ppretenda li l-Qorti, fin-nuqqas ta' ftehim, takkordalu u tillikwidalu s-servigi li martu ipprestat lill-mejta Eleonora Mizzi. Jidhirlu l-esponenti illi din l-kontradizzjoni fis-sentenza appellata

turi kemm l-eccezzjoni haqqha li tigi kompletament accettata, bl-implikazzjoni kollha taghha.

E. It-tielet aggravju huwa li l-eccezzjoni wriet u kixfet fuq kollox, l-inkongruenza (biex tintuza l-aktar deskrizzjoni innokwa li toqghod ghall-kaz) tal-fatti 'pruvati' mill-attur:-

(i) ghalkemm kien hemm ftehim li huwa u martu jiehdu l-pensjoni tal-mejta u kienu nghataw prokura biex jigbruha huma, kif xehdu li kienu jaghmlu, jghidu wkoll illi;

(ii) kienu jaghtuha l-pensjoni kollha u ma jzommu xejn;

(iii) li ghalkemm ftehmu fuq il-pensjoni ta' sitta u sittin liri Maltin (Lm66) fix-xahar, garra illi, kif xehed l-attur:-

"Darba marti qaltli li Nellie riedet tmur id-dar u jiena ghidtilha 'tmur id-dar'? Staqsejt lill-marti kienx f'salt li riedet tmur id-dar 'ghax tlabtha erbghin liri Maltin (Lm40) fix-xahar u tal-manteniment' Effettivament telqet"

(iv) l-attur u martu ma rcevew xejn.

Jesponi bir-rispett, kif gia ghamel fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tieghu, li fuq dan il-punt kardinali s-sentenza ma qalet xejn, illi dawn 'il-fatti' kif deposti mill-atturi, ma jistghux jigu rikonciljati. Kif jista' jkun li tkun ftehimt li tircievi sitta u sittin lira Maltin (Lm66) fix-xahar ma tircievi xejn, u toghqod? Kif imbaghad, waqt li qed tippresta s-servigi li ghalihom suppost li qed tircievi sitta u sittin lira Maltin (Lm66) billi ma tkun qed tircievi xejn, titlob erbghin liri Malin (Lm40) u l-manteniment, u din it-talba ggib rottura totali tant li Eleonora Mizzi telqet mid-dar tal-attur? Kif jissorprendi ruhu l-attur li Mizzi ser titlaq mid-dar wara talba bhal dik? U kif, f'dawk ic-cirkostanzi, meta lill-Avukat Mifsud Bonnici, (kif kien dak iz-zmien billi kienet ghadha hajja l-klijenta tieghu) il-partijiet infurmawh li kienu lahqu ftehim sodisfacenti, il-mejta giet 'perswaza' biex tikteb lill-avukat taghha halli, wara mewtha, l-attur u martu jinghataw l-ewwel tlett mitt liri Maltin (Lm300) u mbaghad elf u tlett mitt liri Maltin (Lm1,300) u finalment elfejn liri Maltin (Lm2,000)?

U kif tkun taf bil-mohbi b'dawn l-ittri, u tohdilhom fotokopja, kollox bil-mohbi, u wara dan allura, jintqal diskors li jgib rottura ta' servigi? Fuq dan kollu ghaliex il-Qorti dehrilha li l-attur haqqu li jiehu servigi meta qed jghid li ma ha xejn allavolja ftiehem li jiehu l-pensjoni u din kien effettivament jigborha imma ma jiehu xejn.

Il-kriterju ta' kredibilita` gie assolutament skartat mill-ewwel Qorti tant illi minghajr avvidatezza, anki l-kontradizzjoni – insistiet fl-istess fatt li l-ftehim michud mill-atturi gie implimentat favur taghhom;-

" .. il-Qorti hija tal-fehma li gie pruvat li l-ftehim kien li mart l-attur kellha tirrendi s-servigi, flimkien ma zewgha, bil-korrispettiv tal-hlas tal-pensjoni li kienet tippercepixxi Eleonora Mizzi u cioe' l-hlas ta' sitta u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm66.20) fix-xahar.  Dan il-ftehim li l-attur kellu jircievi l-'mercede' ekwivalenti fix-xahar ghall-pensjoni li kellha l-mejta jinsab ammess minn mart l-attur stess u jikkonfermah il-konvenut".

L-eccezzjoni tal-esponenti ghalhekk hija akkolta.

F.  B'dan kollu pero', is-sentenza mbaghad ma tnissilx il-konsegwenzi guridici u fattwali li dik l-eccezzjoni timporta.

Fl-ahhar paragrafu qabel id-dispozittiv, is-sentenza tghid:-
"……….. billi jirrizulta li l-attur u martu qatt ma thallasu l-'mercede' konvenuta, il-Qorti qieghda tillikwida….."

Hawn qieghed il-punt li b'riflessjoni aktar approfondita kellu jirrisolvi definittavement il-kawza favur l-esponenti. Il-Qorti wara li waslet li taccetta li kien hemm il-ftehim li fuqu hija bazata l-eccezzjoni u implimentat il-ftehim. Hawnhekk l-ewwel Qorti kellha tinduna illi meta l-attur fid-Dikjarazzjoni Guramentata tieghu ammetta illi Eleonora Mizzi kienet:- "tathom biss ammont zghir li kien hafna inqas mill-kumpens li haqqhom" kien qieghed inkonxjament juri ghaliex it-talba  li ghamel kienet mhux talba a bazi tal-ftehim, ghaliex dak li ftehmu thallas imma ried aktar a bazi ta' intervent tal-Qorti ghall-likwidazzjoni.

U ghal din is-sitwazzjoni l-esponenti irrifera meta espona [li] c-citazzjoni intefghet bhal xibka biex xi haga tinqabad.

Barra minn dan imbaghad, din il-prova mill-attur stess ma kellhiex tippermetti lill-ewwel Qortili tghid li, “l-attur u martu qatt ma thallsu il-‘mercede’ konvenuta” u anzi wara din il-prova, kienu huma, l-attur u martu, li kellhom jigu ritenuti li jippruvaw x’hadu u ma hadux gia la darba li l-Qorti stabbiliet il-ftehim, kellha biss, se mai, takkordalhom, il-bilanc li haqqhom jekk huma rcievew ammont anqas minn dak konvenut. U l-oneru ta’ dawn il-provi kien, mhux biss fuq l-attur u martu li kienu qed jasserixxu x’hadu u ma hadux, imma aktar u aktar fuqhom ghaliex fic-cirkostanzi tal-kaz certament l-esponenti ma tantx kien f’pozizzjoni li jfornixxi provi diretti huwa.

G. Finalment l-ispejjez. Ma kienx hemm raguni ghaliex il-Qorti kella takkolla l-ispejjez lill-konvneut meta dak li huwa asserixxa kontra l-attur rigward il-punt kardinali tal-kawza gie akkolt. L-unika spjegazzjoni ta’ dak li sar qieghda fir-rifless illi l-Ewwel Qorti ma iddeducietx il-konsegwenzi guridici li jitnisslu mill-konsiderazzjoni li meta hemm ftehim, dik hija l-ligi ta’ bejn il-partijiet u mhux gust u sewwa li jsir mod iehor. Ma jahsibx l-esponenti li hemm paragun bejn il-‘mercede’ (bhala ‘hniena’ kif donna enfasizzat, bl-uzu ta’ din il-kelma, l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata) tal-1924 mac-cirkostanzi ‘socjali’ tal-1985.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk li huma esposti fin-Nota ta’ Osservazzjonijiet u l-Kontro-Replika tieghu, l-appellant kovenut talab lill-Qorti tal-Appell joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta’ Novembru 1996 fejn din irriteniet illi r-relazzjoni bejn l-attur u martu u Eleonora Mizzi kienet regolata bi ftehim espress u mhux tacitu, u tirrevokaha ghall-bqija inkwantu l-attur u martu u ppruvawx li ghad ghandhom jiehdu xi hlas skond dak li ftehmu u konsegwentament tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi li ghandu jbatihom l-attur.”

Trattat l-appell

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Dan hu l-appell minn kawza ta' servigi "da liquidarsi" ad istanza ta' l-attur appellat minn kawza li giet deciza kontra l-konvenut appellant, li min-naha tieghu qanqal diversi aggravji kemm ta' dritt kif ukoll ta' fatt.

6. Ikkunsidrat li l-ewwel aggravju, wiehed ta' indole legali, kien li l-ewwel Qorti zbaljat meta cahditlu eccezzjoni li hu jghid li ssolleva (billi din l-eccezzjoni ma tidhirx fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu imma tissemma biss 'en passant' fin-nota ta' kritika tieghu ghar-rapport peritali) u dana peress li skond l-appellant l-apprezzament tan-natura ta' l-eccezzjoni tal-konvenut huwa zbaljat. Din l-eccezzjoni ma kenitx wahda li kienet tolqot il-forma, isostni l-appellant, izda wahda li kienet tolqot is-sustanza ta' l-azzjoni li adopera l-attur li ppretenda dritt ghal servigi li fuqhom huwa jghid li ma kienx hemm ftehim meta ma kienx hekk. Difatti l-ewwel Qorti spiccat biex minkejja li rrespingiet dina l-eccezzjoni hija "accettat kompletament it-tezi ta' l-esponenti li kien hemm ftehim espress u mhux tacitu bejn il-partijiet" u l-likwidazzjoni taghha inhadmet proprju a bazi ta' dak li kien gie effettivament miftiehem.

7. Din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm huwa minnu li l-ewwel Qorti kkonfondiet, f'sens legali, in-naturi ta' l-'eccezzjoni' li l-appellant jinsisti li huwa ressaq tramite n-nota ta' osservazzjoni li pprezenta wara l-gheluq tal-provi, hija madankollu xorta ghandha riserva serja dwar il-mod u waqt li din is-suppost eccezzjoni giet sollevata. Fi kliem iehor, minkejja li dak li ried jeccepixi l-konvenut ulterjorment jista' jkollu fondament, din il-Qorti mhux konvinta dwar ir-ritwalita` tal-eccezzjoni minn punto di vista ta' procedura. Ghalkemm dawn il-Qrati ftit harsu jew ikkunsidraw b'simpatija lejn eccezzjonijiet li 'jfaqqsu' ghall-gharrieda fil-mori tal-proceduri minghajr ebda awtorizzazzjoni, din il-Qorti hija wkoll konsapevoli mill-fatt li hemm gurisprudenza li hadet attitudini aktar liberali fis-sens li accettat eccezzjonijiet li jkunu gew sollevati b'dan il-mod dubbjuz. Hekk, per ezempju, fil-kawza fl-ismijiet "Services Limited vs Joseph Zammit" (Qorti tal-Appell –

Sede Inferjuri) deciza fid-29 ta' Jannar 1999, mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino gie affermat hekk:-
"Kif hu risaput, il-gurisprudenza tghallem illi l-Qorti hi fid-dover li tiehu konjizzjoni ta' eccezzjonjiet li jkunu gew sollevati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, anke f'noti ta' sottomissjonijiet, u anke jekk ma jkunux gew formalizzati fil-forma ta' eccezzjoni."

Dan l-insenjament pero', li llum gie gustament newtralizzat b'emendi ad hoc fil-ligi tal-procedura (ara l-artikolu 158 tal-Kap 12 kif emendat bl-Att XXIV tal-1995 u emendi ohra precedenti) ma jammontax u lanqas m'ghandu jfisser li l-parti konvenuta ghandha speci ta' 'carte blanche' li kull meta u x'hin jidhrilha l-waqt izzid ma' dawk l-eccezzjonijiet li hija tkun gja` tat. Il-pozizzjoni la hija hekk illum (in vista ta' l-emendi li gew fis-sehh) u lanqas ma kienet hekk qabel. Difatti fil-kawza fl-ismijiet "M.C. Zammit Tabona et vs Emanuele Borg", Appell Civili deciz fis-7 ta' Frar 1966, din il-Qorti, kif diversament komposta, stabbiliet awtorevolment u korrettement li gej:-
" L-artikolu 158 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandu jfisser illi l-eccezzjonijiet kollha, tant ritwali kemm fil-meritu, li ghalihom fuq il-fatti maghrufa jista' jkun hemm lok, ghandhom jinghataw mill-ewwel fin-nota tal-eccezzjonijiet.

Wara li jingiebu l-provi tal-attur, jista', bil-permess tal-Qorti, isir tibdil fin-nota tal-eccezzjoni, b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' wahda jew ohra mill-eccezzjonijiet kemm biz-zieda ta' eccezzjonijiet ohra. Dan ma jfissirx li l-konvenut jista' jaghmel dan meta jrid, kif irid, u bla ebda raguni u dan 'bi dritt' minghajr ebda indhil jew kontroll tal-Qorti…… Il-fatt li tista' tinghata eccezzjoni fi stadju iehor tal-kawza wara l-ewwel nota ta' eccezzjonijiet ma jfissirx fih innifsu li jistghu, bi dritt tal-konvenut, jingiebu provi jew xhieda godda." (Sottolinejar tal-Qorti)

Issa l-applikant jipprova jiggustifika l-validita` ta' din l-eccezzjoni, filwaqt li jistqarr li dina giet sollevata minnu

"anki jekk forsi mhux b'mod tant formali", hekk (ara r-rikors tal-appell tieghu),
"U allura l-eccezzjoni fil-meritu saret sostanzjalment malli xehed, anke jekk huwa jissottometti li dan kien kompriz u sotto-intiz fl-ewwel eccezzjoni anke jekk ukoll il-'forma' palezi nghatat fin-Nota tal-Osservazzjonijiet".

8. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet – presumibbilment dik tal-kovenut a fol 126-135, tal-process – hija tal-fehma li argumenti u ragjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqishom bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procuderali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'. Din il-Qorti ma tasalx biex tifhem kif il-konvenut ma jaghmel <u>l-ebda</u> accenn ghal xi ftehim fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu pprezentata fit-3 ta' April 1989, biex imbaghad fil-25 ta' Marzu 1996, jigifieri kwazi seba snin wara li tkun miexja l-kawza u maghluqin il-provi tal-partijiet jissottometti li (ara para. 3 tan-nota tieghu, a fol 127 tal-process),
"Ghall-konvenut prezenti, <u>ma kien hemm qatt dubju li l-atturi</u> u Eleonora Mizza <u>kienu ftehmu</u> fuq dak li l-attrici kellha tircievi b'kumpens ghal dak li kienet se taghmel mal-konvenuta Mizzi." (sottolinear ta' din il-Qorti).

U jekk il-konvenut qatt ma kellu dubju dwar l-ezistenza ta' ftehim vinkolanti, l-ghala baqa' jzomm dak kollu mistur? Illi ghalhekk din il-Qorti, ghal ragunijiet pero' differenti minn dawk moghtijin mill-ewwel Qorti, m'hijiex sejra tqis din l'hekk imsejha 'eccezzjoni' bhala tali u qieghda tirrispingi ghalhekk l-aggravju tal-konvenut f'dan ir-rigward.

9. It-tieni aggravju tal-appellant hu li dak li finalment gie deciz mill-Qorti tal-ewwel grad qed jikkontradici dak li aktar qabel hi stess irriteniet dwar l-'eccezzjoni' tieghu fis-sens li ftehim tassew kien hemm bejn l-atturi u l-awtrici tieghu, llum mejta. Din il-Qorti, wara li qieset dana l-aggrajvu, tibda billi tosserva li huwa minnu li <u>ictu oculi</u> l-

mod kif l-ewwel Qorti mmotivat is-sentenza taghha ghal fini ta’ likwidazzjoni ghas-servigi rezi, ta’ lanqas ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-mod kif esprimiet ruhha, ma kien xejn felici. Dan ghaliex, u s’hawn il-konvenut jista’ jidher li ghandu ragun, l-ewwel Qorti spiccat biex accettat li ftehim kien gie milhuq bejn il-partijiet, tant li finalment irridimensjonat, billi irriduciet sostanzjalment, il-quantum tal-kumpens gja` likwidat mill-espert gudizzjarju f’ammont ekwivalenti piu’ o meno, salv somma apparti meta l-assistita kienet rikoverata fl-isptar, ghal dak li mart l-attur kienet intitolata ghalih li kieku mxiet fuq il-ftehim.

10. Illi minn ezami tax-xhieda ghandu invece jemergi li ghalkemm suppost kien hemm originarjament xi forma ta’ ftehim bejn mart l-attur u Eleonora Mizzi, il-fatti li sehhew sussegwentement kienu juru bic-car li ebda parti, kompriz l-appellant odjern, ma kienet tabilhaqq tqis li kien hemm xi ftehim vinkolanti vigenti bejn naha u ohra.

Mart l-attur, Mary Cristina, xehdet hekk in propozitu:
“Veru li fil-bidu nett, quddiem Dr Mifsud Bonnici (Mizzi) qalet li kienet gejja ghandi u biex isir dan hi ttini l-pensjoni. Staqsiet lil Dr Mifsud Bonnici dan kienx sew u qalilha li kien tajjeb isir hekk. Pero’ bhala fatt dak kollox ghax qalet li kitbitli l-affarijiet fit-testment.”

Din il-Qorti, fil-konsiderandi taghha, mhijiex ser tibbaza ruhha fuq l-ittra kunfidenzjali li allegatament inkitbet minn Eleonora Mizzi lill-konvenut odjern, allura l-legali taghha, stante li x’aktarx din l-ittra giet ikkuppjata billi giet sotratta ad insaputa tal-awtrici u meta dina l-ittra kienet intiza biex jaraha biss l-avukat ta’ fiducja taghha (ara wkoll f’dan is-sens is-sentneza ‘Anthony Licari –vs- Caroline Licari,’ il-Qorti tal-Appell, deciza fit-18 ta’ Mejju 1992). Pero’ b’daqstant la jfisser li Mary Christina ma setghetx tisma’ lil Mizzi bil-weghda li kienet fi hsiebha tikkumpensaha causa mortis u lanqas ma jfisser li allura servigi ma gewx verament rezi jew inkella li kollox gie saldat bhala kumpens, kif donnu ried jinferixxi b’insistenza l-appellant konvenut.

11. Illi l-provi prodotti juru, u b'dan qieghed jigi ndirizzat ukoll it-tielet aggravju fil-meritu, li fuq medda ta' sitt xhur Mary Cristina tassew ipprestat servigi favur Eleonora Mizzi, illum mejta. Jirrizulta li dak li seta' gie miftiehem verbalment fil-bidu gie ssorpassat b'fatti u avvenimenti li sehhew wara u dan kemm fir-rigward tan-natura tas-servigi kif ukoll fil-quantum li suppost kellha tircievi Mary Cristina, u li dan kollu ghalhekk kien jintitola lill-atturi li jagixxu gudizzjarjament bil-forma 'ufficio judicis' bhala tahrika minflok bil-procedura 'jure actionis'. Apparti mbaghad il-konsiderazzjoni ulterjuri debitament sottolinejata mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha in kwantu strahet ukoll fuqha, illi kien hemm drabi fejn il-Qrati taghna marru lil hinn mill-ftehim konvenut, a bazi ta' ekwita`, u taw oltre l-mercede gja` miftiehma. F'dan il-kuntest giet iccitata d-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza mill-Imhallef G. Cremona fil-kawza fl-ismijiet "Maria Rosa Vella vs Marianna Galea" (Koll. Vol XXV-11-594), fejn gie ritenut b'mod l-iktar car li d-distinzjoni li ghamel il-konvenut bejn l-azzjoni 'ufficio judicis' u l-azzjoni li ghandha tigi esperita meta jkun hemm ftehim dwar il-'mercede', mhix tant netta daqskemm giet enfasizzata mill-konvenut u li (punt aktar importanti) l-azzjoni 'ufficio judicis' tista' wkoll tigi ezercitata meta l-'mercede' tkun giet pattwita. Veru li l-fattispecje f'dik il-kawza kienu differenti u l-ekwita` giet hemm invokata biex tirradrizza ingustizzja li kienet ser issir lill-persuna li kien jisthoqilha l-kumpens, imma xorta wahda jibqa' impregudikat dak li gie osservat minn dik il-Qorti li bejn l-ezercizzju ta' azzjoni minnhom minflok l-ohra, sakemm tkun saret gustizzja, ma tezistix dik l-inflessibilita` assolutista u rigida li jrid jaghti x'tifhem li tezisti fil-ligi l-appellant u li, skond hu, kellha twassal ghac-cahda intiera tal-azzjoni kif proposta kontrieh. Dan maghdud, il-lanjanzi ta' l-appellant fil-konfront ta' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti biex tasal ghal-likwidazzjoni gusta tal-kumpens huma kemmxejn sofisti billi deher ovvju li dik il-Qorti riedet tirreferi ghal dak li gie originarjament miftiehem (pero' mhux ukoll segwit) bejn Mary Cristina u Eleonora Mizzi purament biex tasal ghal ammont gust ghal fini ta' kumpens xieraq. Fil-fatt, u dan qed jinghad biss ghall-grazzja tal-argument, li kieku l-attur harrek a

bazi tal-‘jure actionis’, jigifieri fuq ftehim, ir-rizultat ottenut kien ikun l-istess, una volta li jirrizulta sufficjentement, u dan bil-maqlub ta’ dak li finalment jillanja minnu l-konvenut appellant dwar il-provi fil-meritu, li:-

(i) servigi tassew gew rezi;

(ii) li kumpens kien legalment dovut lill-atturi u

(iii) li dan il-kumpens hekk dovut ma kienx gie saldat mill-parti konvenuta.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata ghall-motivi hawn fuq elaborati, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

-------------------------------TMIEM-------------------------------